Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,394, 24 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 158 tal-2020

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 425.07.

Jissostitwixxi r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Trasferiment *inter vivos* tal-liċenzja tas-sajd.

13. (1) Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra skont il-liġi, id-Direttur għandu jaġġorna d-dettalji tal-liċenzja tas-sajd meta jirċievi talba konġunta bil-miktub mid-detentur tal-liċenzja tas-sajd u axxendent jew dixxendent sal-ewwel grad, hux b'konsangwinità jew b'affinità, liema għandu jiġi reġistrat bħala d-detentur ġdid tal-liċenzja tas-sajd skont l-istess talba;

Iżda, mingħajr preġudizzju għal kull impediment skont il-liġi, malli dak l-aġġornament jingħata effett il-bastiment tas-sajd jista' jiġi użat mid-detentur ġdid tal-liċenzja tas-sajd skont il-liċenzja tas-sajd u l-liġi.

(2) Kull aġġornament skont is-subregolament (1) għandu jsir mingħajr ebda spiża għall-applikanti.".